MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 15/2008

**Emanuel u Elizabeth konjugi Sciriha**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutorju:

Illi fil-11 ta' Settembru 2008 huma gew innotifikati b'att gudizzjarju (kopja mmarkata Dok A) fejn l-intimat offra s-somma ta' sittax-il elf, mija disgha u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (E16,189.15) ghal xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjon art fil-Mosta, tal-kejl ta' madwar 97 metru kwadru u li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbic u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u rjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz numru 1182, li minnha l-esponenti ghandhom il-porzjon immarkata bhala Plot A skond il-pjanta P.D. No. 197_2000_2 (kopja mmarkata Dok B);

Illi l-kejl tal-art li tappartjeni lill-esponenti hija ta’ cirka 44 metru kwadru, liema art tmiss mill-Lbic ma’ triq pubblika, mix-Xlokk ma’ beni ta’ Annunzjata Fenech u mill-Grigal ma’ beni ta’ Carmelo Fenech, liema art hija deskritta bhala art fabbrikabbli ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi permezz ta’ att gudizzjarju surreferit, l-intimat qieghed joffri lill-esponenti s-somma ta’ sebat elef, tlett mija u erbgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (E 7,344.51) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-porzjon taghhom;

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jippretendu s-somma ta’ tmienja u tletin elf mija u tnejn u disghin Euro (E38,192) skond stima maghmula mill-Perit Joseph Camilleri datata 17 ta’ Settembru 2008 (kopja annessa bhala Dok C);

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilu u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Kap 88;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 30 ta’ Settembru 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur lilhom offrut mill-awtorita’ kompetenti ta’ sebat elef, tlett mija u erbgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (E 7,344.51) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta’ bicca art fil-Mosta tal-kejl ta’ cirka 44 metri kwadri li tmiss mill-Lbic ma’ triq pubblika, mix-Xlokk ma’ beni ta’ Annunzjata Fenech u mill-Grigal ma’ beni ta’ Carmela Fenech u hija mmarkata bhala Plot 4A fuq il-pjanta P.D. 197_2000_2 u qeghdin jippretendu li l-kumpens ghandu jkun ta’ tmienja u tletin elf mija u tnejn u disghin Euro (E38,192);

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni li l-kumpens gust ghall-porzjon ta’ art fuq imsemmija huwa dak fuq citat u cioe’ l-ammont ta’ ta’ sebat elef, tlett mija u erbgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (E 7,344.51) u

dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE li kklassifika l-art bhala fabbrikabbli ai termini ta' Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammont ta' sebat elef, tlett mija u erbgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (E 7,344.51) bhala l-kumpens gust ghall-esproprijazzjoni tal-porzjon art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors kien promoss wara li l-esproprijati deherilhom illi l-valur offert mill-intimat ghall-espropju tal-fond kien baxx wisq biex inkun minnhom accettat.

Illi l-periti membri li jikkomponu dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti, xhieda u dokumenti kollha mressqa, kkonkludew, skond ir-rapport taghhom akkluz u formanti parti minn din is-sentenza, illi l-valur gust ta' dan il-fond konsistenti f'art fabbrikabbli ghandu jkun iffissat fis-somma ta' tlettax-il elf hames mija tmienja u tletin euro u sitta u erbghin centezmu (Euro 13,538.46);

Il-Bord ghalhekk, a bazi tad-decizjoni unanima tal-periti membri, qed jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala libera u franka tal- porzjon art fabrikabbli fil-Mosta, tal-kejl ta' 44 metru kwadru u li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbic u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u rjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz numru 1182, mmarkata bhala Plot A skond il-pjanta P.D. No. 197_2000_2 (formanti parti minn art akbar ta' madwar 97 metru kwadru fl-ammont ta' tlettax-il elf hames mija tmienja u tletin euro u sitta u erbghin centezmu (Euro 13,538.46);

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------